StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2009

DIRETTORAT GĦAL KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' KLASSI** **MALTI** **ĦIN : Sagħtejn**

**Isem :** ________________________ **Klassi :** ___________________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2 . Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

# Il-Kelb tad-Dawwara



Imma donnu bil-magħmul. Ma' nofsillejl sew beda l-inbiħ imkarkar. Inbiħa twila maħnuqa li tispiċċa fix-xejn ix-xejn bħan-nifs tal-agunija. Pawsa qasira u terġa' nbiħa oħra twila ħierġa bħal karba li tislitlek qalbek. *(par.1)*

Inxtegħlet kemm-il bozza u nfetħet kemm-il tieqa. Xtaqulu elf saħta. Tefgħulu xi laqxa u saħansitra barmil ilma. Iżda baqa' hemm, imwaħħal fit-triq. Jgħolli rasu 'l fuq lejn il-qamar, għajnejh jibru u jislet inbiħa karrabija waħda wara l-oħra. Kien kelb iswed faħma, ikrah u mfattar għax jiġbor fih il-ġenetika ta' mitt razza. Ħadd ma jaf minn fejn inqala' u kif sab ruħu hemm. Iżda kien ġennen triq. *(par.2)*

"Dan il-kelb donnu ta' barra minn hawn," gemgmet Ġanna waqt li peċpċet għajnejn ngħas u ttawlet minn wara l-persjana. "Idħol orqod, int." Iżda f'qalbu, żewġha Wenzu ħass ukoll tferfira ta' biża'. Jiftakar snin, snin ilu meta kien għadu tfajjel mibrum. Dakinhar ukoll kien ġie kelb jingħi wara biebhom u jgħolli leħnu lejn il-qamar. Jiftakar li missieru kien ħareġ għalih, xejjirlu daqqa ta' sieq u l-kelb kixef snienu. Ftit sigħat wara kienu ġarrew lil ommu lejn l-isptar … Ftit sigħat oħra u kienet mejta b'tarbija ġdida tferfer bil-biki ħdejha … U ġismu reġa' tkexkex bħal dakinhar li kien ħa l-aħbar tal-mewt t'ommu. U l-imgħoddi reġa' qam bħal dudu rqiq irqiq jgħarraxlu moħħu u jiftaħlu l-pori b'taqtir ta' għaraq. *(par.3)*

Donnha t-triq kollha nħakmet minn diqa. Qisha kien hemm xi ħaġa elettrika li xegħlet l-imħuħ u l-fantasija ta' bosta. F'ħin qasir inbidlet f'biża', biża' minn inbiħa twila twila li mhix tas-soltu, minn karba li ħierġa f'leħen maħnuq u togħla 'l fuq lejn il-qamar … Kien qamar kwinta! U dik il-lejla ħadd ma għalaq għajn m'għajn. *(par.4)*

U l-għada filgħodu kmieni hekk kif l-ewwel ħjut vjola dehru joftqu l-orizzont, il-kelb għab. In-nies ħarġet minn darha b'għajnejn tqal u ġbin imkemmex. *(par.5)*

"Imġiddem li hu ma ħallinix nieħu għamża." "Dak x'il-mniegħel kellu? Werwirni. Jgħidu li meta jiġi kelb jinbaħ dak l-inbiħ ikun …". "Biżżejjed, twerwirnix, għax l-istess ħsieb għadda minn moħħi." *(par.6)*

Imbagħad l-aħbar ġriet bħal berqa. Toni Galea nstab mejjet f'soddtu, għajnejh imberrqin u mgħawweġ ganċ. Sabu ħuh meta ħa ħsiebu wara li ma lemħux għall-quddiesa tas-sebgħa. Qalu li kienet għaddietu. Sa ma waslu l-pulizija u l-ambulanza, in-nies inġabret bi ħġarha quddiem biebu. Kien hemm mistennija kbira u arja tqila bil-misteru. Moħħ kulħadd kien arloġġ itektek l-istess ħsieb: il-kelb … l-inbiħ twil twil li jislitlek qalbek … *(par.7)*

"Xamm il-mewt." *(par.8)*

(Addattament minn kitba ta' J. Camilleri li dehret f' *Solitudni fil-Folla.*)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## A. FEHIM IT-TEST

1. Liema minn dawn jista' jkun ukoll titlu addattat ħafna għas-silta? Agħmel sinjal taħtu.

Kelb tar-Razza; Il-Mewt ta' Toni; Il-Kelb Misterjuż. (marka)

2. Għaliex taħseb li l-kelb kien ġennen triq?

_______________________________________________ (marka)

3. X'ġiegħel lil Wenzu jħoss tferfira ta' biża'?

_______________________________________________(2 marki)

4. Meta sparixxa l-kelb?

_______________________________________________(marka)

5. *"Biżżejjed, twerwirnix, għax l-istess ħsieb għadda minn moħħi."(par.6)* Xi ħsieb kien dan?

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

6. Il-kelb kellu x'jaqsam b'xi mod mal-mewt ta' Toni? Xi jġagħlek taħseb hekk?

_______________________________________________

_______________________________________________(3 marki)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (20 marka)

GRAMMATIKA / MORFOLOĠIJA

1. Imla b'**konġunzjoni** skont it-tifsira fil-ġenb.
   i. L-ewwel mar jinbaħ fl-isqaq, _______________ mar fil-pjazza. (ŻMIEN)
   ii. Li _______________ u li kien qatt ma ltaqgħu flimkien. (KUNDIZZJONI) (2 marki)

2. Kompli dawn iż-żewġ sentenzi li ġejjin b'**avverbji**. L-ewwel ittri tal-avverbji ngħataw diġà.
   i. Ma ħriġniex għall-kelb għax kienet nieżla xita trem_______.
   ii. Il-kelb taz-ziju weġġa' ser_________ fil-ġnien. (2 marki)

3. Imla l-vojt skont kif mitlub fil-ġenb.
   i. F'Malta hawn __________ klieb. (AVVERBJU TAL-KWANTITÀ)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ii. __________ ma kont noħlom li nrabbi kelb. (AVVERBJU TAŻ-ŻMIEN)

4. Aqleb għall-Passiv: Il-karozza laqtet lill-kelb.

_______________________________________________________________ (marka)

5. Iz-zokk morfemiku ta' *ffilmja* hu : (a) film ___; (b) ffilmjar ___; (ċ) films ___. (marka)

6. Imla l-vojt skont il-parentesi.

i. Il-kelb ġie _______________ (abbanduna) minn sidu.

ii. Il-kaxxa fejn jorqod il-kelb għandha _______________ (n-d-f) kuljum.

iii. Il-qtates sfaw _______________ (attakk) mill-klieb. (3 marki)

ANALIŻI TESTWALI

7. *ħadd ma għalaq għajn m'għajn (par.4)* tfisser: ______________________________ (marka)

8. *l-aħbar ġriet bħal berqa (par.7)* tfisser : (a) l-aħbar ġriet mill-ewwel _____

(b) l-aħbar damet ma ġriet _____

(ċ) l-aħbar intilfet _____ (marka)

LESSIKU / VOKABULARJU

9. Agħti kelma bl-istess tifsira flok: (i) *pawsa (par.1)* __________________

(ii) *għab (par.5)* __________________ (2 marki)

10. Sib minn *paragrafu 3* l-kelma li tfisser: il-passat __________________ (marka)

SINTASSI

11. Kompli s-sentenza li ġejja b'tali mod li tibqa' tfisser l-istess bħas-sentenza ta' qabilha:

Konna għadna kif ħriġna mill-bieb 'il barra meta attakkana kelb.

Bilkemm______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

12. Ikteb sentenza b'**waħda** minn dawn il-kelmiet li, minkejja li mhumiex verbi, fl-Imperfett jintużaw bħala verbi: għandi - hemm - ilhom

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI

1. Fisser il-qawl *Xemx li ma ssaħħanx aħjar il-bard ta' Jannar minnha*.

   ______________________________________________

2. Ikteb idjoma mit-taqsima *L-Elementi* li tfisser sew din is-sentenza: *Mark għandu ħafna inkwiet u taħwid bħalissa.*

   ______________________________________________

## D. MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel a **jew** b. Ikteb madwar **80** kelma.

a. L-annimali għandhom jew m'għandhomx drittijiet? X'inhi l-opinjoni tiegħek?

***Jew***

b. Fil-vaganzi tal-Għid int ħadt sehem f'xogħol volontarju fost l-anzjani ta' Ħal Muxi. Ikteb rapport għal gazzetta dwar l-esperjenzi tiegħek.

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI

X'tagħrif interessanti ġbart din is-sena waqt li kont qiegħed / qiegħda tfittex dwar **L-Oqsma ta[l-]** **Għerf tal-Kultura Maltija**? Ikteb madwar **60** kelma.

## F. LETTERATURA (30 marka)

### (i) ANESTESIJA / L-ISQAQ (10 marki)

Wieġeb a **jew** b. Ikteb madwar **100** kelma.

a. **Anestesija** hu dramm simboliku. Ikkummenta b'referenza għal xi episodji mid-dramm.

***jew***

b. Għalkemm ipinġilna stampa kemxejn kerha tal-ħajja fis-seklu 20, **L-Isqaq** joffrilna wkoll xi episodji ta' ferħ. Ikkummenta b'referenza għal xi wħud minn dawn l-episodji ta' ferħ.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**(ii) QAWSALLA – REFERENZA GĦALL-KUNTEST**

Aqra sewwa din il-poeżija ta' Philip Sciberras u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

SENTIMENT

*Lil binti Lara*

Ibki binti,
ħa nerfgħek u nħaddnek
u ngħannqek u nfissdek,
immellsek u nbennek.

Ibki binti,
biex tfisser trid tiekol
u tixrob,
u tilgħab bil-pupa
jew tgħidli qed tibża'
mid-dlam u mill-ġganti.

Għad tikber u tibki dmugħ ieħor
ta' waħx u ta' diqa
fis-skiet ta' dinjietek

bla ħadd min ifarrġek
u jħaddnek u jgħannqek
u jmellsek u jbennek.

1. Għaliex il-poeta qiegħed iħeġġeġ lil bintu biex tibki?

_______________________________________________(marka)

2. Xi jrid ifisser il-poeta bi *dmugħ ieħor* ?

_______________________________________________(marka)

3. Mill-poeżija sib u ikteb anafora.

_______________________________________________(marka)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4. Din il-poeżija hi indirizz lil persuna. Għalhekk tissejjaħ:

   (a) metafora _____ ; (b) personifikazzjoni _____ ; (ċ) apostrofi _____ . (m

5. Għaliex taħseb illi l-poeta juża ħafna l-verbi tat-2 Forma?

   ______________________________________________________________(marka)

6. X'karatteristiċi għandha l-poeżija li jorbtuha mat-tema *Ir-Rispett fil-Familja* ?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________(3 marki)

**(iii) QAWSALLA – KOMPONIMENT LETTERARJU** (12-il marka)

Agħżel **waħda**. Ikteb madwar **150** kelma fuq karta separata.

a. Il-**poeti** fit-taqsima *Il-Protesta* ta' sikwit narawhom qalbhom sewda minħabba l-istat ħażin li jinsab fih l-ambjent naturali Malti. Ikkummenta.

***Jew***

b. Agħmel referenza għal xi **poeżiji** li fihom naqraw dwar *Ir-Rispett fil-Familja*.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **300** kelma fuq karta separata.

1. Xgħelt it-televixin u ...
2. Storja ta' kelb.
3. Wara d-daħk jiġi l-biki.
4. X'nara sabiħ f'pajjiżi.
5. Il-paċi fid-dinja – ħolma?
6. It-tajjeb u l-ħażin tat-turiżmu.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers